MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 247/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Grezzju Abela**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Grezzju Abela, detentur tal-karta ta' l-identita` numru 496351(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Ġunju 2012 għall-ħabta tas-1.20 a.m. u 2.40 a.m. ġewwa Triq Joseph Stivala, Paola, ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Michelina Bartolo meta kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għall-imsemmija persuna;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fit-13 ta' Mejju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 251A(1)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Grezzju Abela ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu xahar

priġunerija sospiż għal sentejn taħt suġperviżjoni ai termini ta' l-artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Grezzju Abela ppreżentat fit-23 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena, jew alternattivament, tirriforma s-sentenza billi tagħti piena iktar ekwa u ġusta;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta' Michelina Bartolo; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma (1) li s-sentenza hija nulla; u (2) li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi.

**6.** Fis-seduta tallum, Michelina Bartolo xehdet illi mill-każ in eżami s-sitwazzjoni nbidlet, l-appellant kien qiegħed josserva d-dmirijiet tiegħu anki vis-a-vis it-tifel tagħhom u ma riditx tixhed dwar il-każ li ta lok għall-proċeduri odjerni. Fl-interess tar-relazzjoni bejn il-partijiet u ta' binhom minuri, din il-Qorti eżentat lix-xhud milli tkompli tixhed.

**7.** L-unika prova oħra tal-prosekuzzjoni kienet tikkonsisti f'affidavit ta' P.S. 285 G. Cutajar fejn, apparti li huwa ndika x'qaltlu Michelina Bartolo – li allura għall-finijiet ta' prova jikkostitwixxi *hearsay* – hemm iċ-ċaħda li għamel miegħu l-appellant ta' l-allegazzjonijiet li saru fuqu.

**8.** F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjoni dedotta u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------